MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru. 419/2005

QORTI TAL-MAGISTRATI
(MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

Illum, 19 ta' Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J Borg)

vs

Michael Mifsud

Nazju Mifsud
Salvu Mifsud

Il-Qorti,
Rat li l-imputati, Michael Mifsud, ta’ 40 sena, bin Joseph u Lourdes nee Vella, imwieled Pieta nhar il-11 ta’ Ottubru, 1965, li joqghod Blk A2, Flat 6, Triq it-Taqtiegha Zebbug, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 500865M;

Nazju Mifsud ta’ 41 sena, bin Joseph u Lourdes nee Vella, imwieled Pieta nhar id-29 ta’ Lulju 1963, li joqghod 150, Triq Pinto Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 401063M;

Salvu Mifsud, ta’ 34 sena, bin Joseph u Lourdes nee Vella, imwieled Pieta nhar it-12 ta’ Novembru 1970, li joqghod 150, Triq Pinto Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 485470M gew mressqa quddiemha akkuzati:-

a) talli nhar is-7 ta’ Jannar, 2005 ghall-habta tas-6.30 p.m. fi Triq Gharram Zebbug, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Simon Spiteri kontra l-volonta tieghu, jew tah il-post biex fih din il-persuna tigi arresata, mizmuma jw issekwestrata skond l-Art 86 tal-Kap. 9 tal-Kodici Kriminali;

b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom jew kellhom f’idejhom jew fuqhom, arma tan-nar jew munizzjon barra mill-fond jew post li jaghmel mieghu skond l-Art 3 (1A) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (LM 50.00), imma mhux aktar minn LM 500 ghad-detriment ta’ Simon Spiteri skond l-Art 325 (1B) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uzaw vjolenza sabiex iggieghlu lil Simon Spiteri jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga skond l-Art 251 Sub 1 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Simon Spiteri hekk kif iccertifika t-tabib Michael Spiteri M.D. mill-isptar San Luqa skond l-Art 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ingabru f'ammont ta' tlieta minn nies jew izjed migmughin flimkien bi hsieb li jaghmlu reat, liema reat jitqies li sar bi vjolenza pubblika skond l-Art 63 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddu lil Simon Spiteri bi kliem;

h) aktar talli kisru l-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta ta' Simon Spiteri skond Art 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta' April, 2005 (a folio 21 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezamijiet li sarilhom l-imputati fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2006 (a *folios* 22, 23 u 24 tal-process), l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-rattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirigwarda allegat incident li nqala’ fis-7 ta’ Jannar 2005 ghall-habta tas-7.30pm fi Triq il-Gharram, Haz-Zebbug. Il-Pulizija tad-Distrett ta’ Hal-Qormi rceviet rapport minghand certu George Spiteri, l-propjetarju ta’ Spiteri Marble Works, fejn huwa qalilhom li waqt li ibnu Simon Spiteri kien hiereg mill-imsemmija fabbrika u kien dahal fil-vettura tieghu bin-numru tar-regstrazzjoni MSL 782 tal-ghamla Toyota Corsa kien gie agredit minn tlett persuni li kkagunawlu hsara fil-vettura tieghu kif wkoll xi griehi fuq persuntu. Huwa nforma lil Pulizija li ibnu kien ittiehed l-Isptar.

Simon Spiteri xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2006 (deposizzjoni a fol. 41 u 42 tal-process) fejn spjega li fid-data in kwistjoni huwa kellu tilwima zghira mat-tlett imputati li gharaf fl-awla . Huwa qal li ghal habta tas-6.30pm kien hiereg mix-xoghol u wara li ghalaq ir-rixtellu tal-fabbrka ta missieru waqaf vann li minnu hargu t-tlett imputati, dawn bdew jghajtu dwar kwistjoni rigwardanti ghalqa li kienet tinsab faccata tal-fabbrika. Huwa qal li t-tlett imputati bdew isawtuh bil-ponn u wegghuh f’wiccu u kkagunawlu griehi ta’ antura hafifa.. Simon Spiteri qal ukoll li ma kienx ra armi fil-pussess tal-mputati. Huwa qal ukoll li xi hadd minnhom kissirlu l-windscreen tal-vettura tieghu izda ma kienx jaf min minnhom agixxa b’dan il-mod. Simon Spiteri inoltre qal li huwa kien ghamel rapport l-ghassa dwar dak li kien gara izda spjega li llum il-gurnata kien hafer lit-tlett imputati ghal dak li kien gara u kien qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti taghhom.

L-imputati odjerni jinsabu akkuzati b’diversi akkuzi izda minn ezami tax-xhieda ta’ Simon Spiteri l-unika wahda li tririzulta pruvata sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali hija l-hames akkuza, u cioe dik fejn l-imputati qed jigu akkuzati li kkagunaw ferita ta natura hafifa fuq il-persuna ta’ Simon Spiteri, izda kif ghadu kemm intqal fil-paragrafu precedenti l-vittma ddikjara li hafer lit-tlett imputati ghal dak li kien gara u ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-proceddiment ezawrit in kwantu jirigwarda din l-akkuza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

In kwantu jirrigwarda l-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputati dawn bl-ebda mod ma jistghu jinghadu li gew pruvati mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk l-imputati ser jigu liberati mill-istess akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-hames akkuza u dan stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Simon Spiteri u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza, tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti taghhom u tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------